tal-qniepen iħabbru lejlet il-Għid ta' l-Imwiet, imfissrin hekk tajjeb fil-gelgul ta' aċċenti twal li bihom hi mimlija l-Ballata mill-bidu sat-tmiem.

U rrid nibqa' dejjem inħares hekk lejh lil Rużar, f'din il-qagħda, waħdu, ħosbien, b'dak id-dell ta' niket sieber fuq wiċċu, Rużar ta' ruħ kbira u kollha mogħdrija, Rużar ħiemed u sen-timentali, li jaf iħoss u jħobb, Rużar Briffa.

## FIL-MEWT TA' RUŻAR BRIFFA

*Ta'* P. VALENTIN BARBARA O.P.

Fil-qiegħ tal-qalb, fejn l-aktar hi setgħana,
Fejn l-aktar hi mifruxa s-saltna ħiemda
Tal-ħolm u tax-xewqat, ħalluni ninżel,
Bgħid mill-ħolqien. Hemm, f'dak il-beraħ wiesa',
Fid-dawl ta' xemx li biss joħolqu bħalha
L-erwieħ il-kbar, irrid niġġerra waħdi
Qalb l-oħla tifkiriet, il-ftit li ħajti
Tgħożż fost is-sbieħ, u ruħi mbellha u liebta
Fin-niket kbir tat-telfa ta' nofs ġidha
Tistħajjel fwieħet il-ward li jfisser ismu.

Kien saċerdot ta' Ewterpe, mibgħut minnha
Fil-maqdes tagħha biex bl-inċens ifewwaħ
Xbihatha minquxin, b'sengħa tal-għaġeb,
F'wiċċ il-ħolqien sabiħ li minnu ssaħħar.
Siġar, għoljiet, għejun ħassew il-fwieħa
Tal-bħur minnu maħruq b'qima ta' iben,
U għalenija qabdu l-għanja ġdida
Ta' sebħ minnu minsuġa f'ġenn imħabbtu,
Li ħawi toħroġ minn xofftejn mewwieta.
'Ma x'ħin il-għanja kienet għadha tidwi,
Tofroq iż-żmien u l-wisa' u 'l fuq tittajjar,
Ewterpe, hienja fil-ħolqien ta' ġufha,
Li temm, kif xtaqet hija, il-ħidma tiegħu,
Sejħitlu fil-quċċata ta' l-Olimpu
U qiegħdet b'idha stess ir-rand fuq ġbinu.

'Ma r-randa sbejħa, ukoll jekk qatt ma tinxef,
X'se tiswa lili u lilek, Annabella,



Żewġ djakni, jiena u int, li flimkien miegħu
Ġbarna minn fuq l-artal ta' ħajtu l-weraq
U l-ward li qata' minn ġo l-ġnien ta' ruħu
U bnejna bih il-mafkar dehbi tiegħu?
Il-frotta tagħha f'fommi l-allat hi benna,
Iżda l-eħrex imrar għalik u għalija!
Mur, mara mnikkta, taffi t-togħma tagħha
Bi dmugħ għajnejk li, jekk int magħha xxebbħu,
Jinżillek ħelu daqs il-għasel Malti.
Jien, issa waħdi wisq aktar minn qabel,
Bi ħsibijieti ngħum fil-baħħ li ħalla,
U nfittex nifhem, jekk xi darba jseħħli,
Għax għandu s-sabiħ jgħib biex jisbieħ aktar.

## LIL RUŻAR TA' QALBI

*Ta'* ĠORĠ PISANI

Rużar ta' qalbi, jekk hemm post fil-ġenna
fejn jgħammru ferħanin l-anġli tal-għana
postok hu hemm, talli bl-oħla benna
kantajt l-isbaħ għanjiet ta' l-Ilsien tagħna.

Bħalek ma għanna ħadd; ġo fik moħbija
kien hemm kuluri kbar minsuġin sewwa,
kien hemm miġra ta' daqq u t'armonija,
kien hemm xmara ta' dawl ta' ferħ u ħlewwa.

Bħalek ma jgħanni ħadd; is-seħer tiegħek
ma jintlaħaqx, ma jintiritx mill-bqija,
u ġewwa l-qabar jibqa' nieżel miegħek
għax lilek tatu biss il-Poeżija.

Rużar ta' qalbi, mbierka dik il-vina
li tatna ġmiel etern, mużka divina.

NOTA: L-aħħar tifkira li għandi tal-Poeta Rużar Briffa huwa ktieb
tal-Poeżiji tiegħu li bagħatli hu stess awtografat b'dawn il-kelmiet: "Lil
Ġorġ ta' qalbi". Għalhekk ħassejt illi dan is-sunett, miktub ftit wara
l-mewt tiegħu, kelli nsemmih ukoll: "Lil Rużar ta' Qalbi".

G.P.